

32007D0050

L 22/14

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

31.1.2007

DEĊIJONI TAL-KUNSILL

tat-30 ta' Jannar 2007

li tawtorizza lir-Rumanija tapplika rata mnaqqsqa ta' VAT għal ċerti servizzi b'intensità għolja ta' mano d'opera msemmija fl-Artikolu 106 tad-Direttiva 2006/112/KE

(2007/50/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

għalihom fl-imghoddji jkunu applikaw id-dispożizzjoni msemmija, li jressqu talba għal dan lill-Kummissjoni.

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' l-Adeżjoni ta' l-2005⁽¹⁾, u partikolarm l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2005⁽²⁾, u partikolarm l-Artikolu 55 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 106 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Il-Kunsill jista' jawtorizza lill-Istati Membri japplikaw rata mnaqqsqa ta' VAT għal ċerti servizzi b'intensità għolja ta' mano d'opera, li minn naħa waħda għandhom jissodis faw il-kundizzjonijiet previsti fid-Direttiva 2006/112/KE u, min-naħa l-oħra, jkunu fl-Anness IV ta' dik l-istess Direttiva.
- (2) Bid-Direttiva 2006/112/KE il-perjodu ta' l-applikazzjoni tar-rati mnaqqsqa tal-VAT ġie estiż sal-31 ta' Diċembru 2010. Dan jippermetti lill-Istati Membri li jkunu jixtiequ jibbenefikaw, għall-ewwel darba, mill-fakultà prevista, kif ukoll lil dawk li jixtiequ jimmodifikaw il-lista tas-servizzi li

(3) Dan għandu l-għan li lill-Istati Membri kollha jkunu jistgħu jipparteċipaw fl-esperiment bir-rati mnaqqsqa, bl-istess kundizzjonijiet, għas-servizzi b'intensità għolja ta' mano d'opera. Huwa għalhekk floku li l-Istati li qed jaderix Xu, mid-data ta' l-addeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea, jingħataw l-istess possibbiltà li jaġġi kien rata mnaqqsqa tal-VAT għal ċerti servizzi b'intensità għolja ta' mano d'opera.

(4) Permezz ta' ittra bid-data tal-31 ta' Marzu 2006, ir-Rumanija ressjet talba biex tapplika rata mnaqqsqa ta' VAT fuq ċerti servizzi b'intensità għolja ta' mano d'opera koperti f'din l-esperiment.

(5) Sabiex tīgi żgurata l-ugwaljanza bejn l-Istati Membri, din id-Deċiżjoni għandha tkun applikabbli mid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija.

(6) Din id-Deċiżjoni mhux sejkollha implikazzjonijiet fuq ir-riżorsi proprii tal-Komunitajiet Ewropej li ġejjin mill-VAT.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Skond l-Artikolu 55 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2005 tal-Bulgarija u tar-Rumanija, flimkien ma' l-Artikoli 106 u 108 tad-Direttiva 2006/112/KE, ir-Rumanija hija awtorizzata li, mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' l-Adeżjoni ta' l-2005 u sal-31 ta' Diċembru 2010, tapplika r-rati mnaqqsqa previsti fl-Artikolu 98 għas-servizzi li ġejjin, imsemmija fil-punti 1 u 4 ta' l-Anness IV tad-Direttiva 2006/112/KE:

⁽¹⁾ ĠU L 157, 21.6.2005, p. 11.

⁽²⁾ ĠU L 157, 21.6.2005, p. 203.

⁽³⁾ ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1. Id-Direttiva kif emdenda bid-Direttiva 2006/138/KE (ĠU L 384, 29.12.2006, p. 92).

- a) servizzi żgħar ta' tiswija ta' lbies u drappijiet tad-dar (inklużi x-xogħlijiet ta' tiswija u modifika);
b) servizzi tal-kura fid-dar.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Rumanija.

Artikolu 2

Magħmul fi Brussell, 30 ta' Jannar 2007.

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' l-Adeżjoni ta' l-2005, u tieqaf milli jkollha effett fil-31 ta' Diċembru 2010.

*Għall-Kunsill
Il-President
P. STEINBRÜCK*